# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 5**

**Rikors numru 808/16/1 LM**

**Michelle Borg**

**v.**

**St. James (Capua) Hospital Limited (C 14713)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors promotur ipprezentat mill-attrici Michelle Borg fis-16 ta' Settembru, 2016, li permezz tieghu nghad:

> "1. Illi fis-17 ta' Settembru 2014, l-esponenti kellha inċident waqt li kienet qiegħda fuq il-post tax-xogħol, preċiżament għand ċerta Carmen Micallef fl-indirizz Sea Breeze Court No 1, Triq it-Turisti, Buġibba.
>
> "2. Illi dan l-inċident ġara waqt li hija kienet qiegħda tagħmel xogħol ta' tindif fit-terrazzin fid-dar ta' anzjana, meta hija żelqet u waqgħet fuq art imxarba. Hija ġiet fuq dahrha u idejha x-xellugija meta waqgħet.

"3. Illi dan l-inċident ġara tort uniku tas-soċjetà konvenuta minħabba negliġenza min-naħa tagħha li tipprovdi l-għodda neċessarja għas-sigurtà tal-impjegati tagħha waqt xogħolhom.

"4. Illi a kawża ta' dan l-inċident, l-attriċi soffriet danni permanenti fuq persuntha.

"5. Illi għalhekk, kellha tkun intavolata din il-kawża.

"6. Illi l-attriċi taf b'dawn il-fatti personalment.

"Għalhekk l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, sabiex:

''1. Tiddikjara li l-inċident li seħħ nhar is-17 ta' Settembru 2014, fi Triq it-Turisti, Qawra, seħħ tort unikament tas-soċjetà konvenuta;

"2. Tiddikjara li minħabba f'dan l-inċident, l-attriċi sofriet danni;

"3. Tillikwida d-danni hekk sofferti, occorrdeno bil-ħatra ta' periti nominandi;

"4. Tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi l-ammont hekk likwidat.

"Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 3702/15 ippreżentata nhar il-5 ta' Novembru 2015, bl-imgħax, u s-soċjetà konvenuta minn issa nġunta in subizzjoni.''

2. Rat ir-risposta tas-socjetà konvenuta St. James (Capua) Hospital Limited ipprezentata fl-20 ta' Ottubru, 2016, fejn eccepiet hekk:

''1. It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

"2. Illi f'kull każ, l-eċċepjenti mhijiex responsabbli għal ebda negliġenza jew nuqqas fil-konfront tal-attur;

"3. F'kull każ ukoll u mingħajr preġudizzju, kwalsiasi ħsara saret unikament minħabba n-nuqqas ta' attenzjoni u negliġenza tal-attriċi stess u waqt li kienet qed twettaq xogħol li l-eċċipjenti ma qabbditiex tagħmel;

"4. L-attriċi kienet ingaġġata taħt skema tal-Gvern biex tagħti servizz personalizzat fi djar privati ta' anzjani. Dakinhar li hija tallega li kellha l-inċident suppost li kienet qegħda tagħti servizz fid-dar ta' Carmen

> Micallef, Sea Breeze, Court No. 1, Triq it-Turisti, Buġibba. Fid-deskrizzjoni tal-ingaġġar tagħha, l-attriċi kienet obbligata biss li tiknes, skont il-bżonn, it-terrazzin fid-dar privata tal-anzjan/a li fiha tkun qed tagħti servizz. L-eċċipjenti ma tifhimx kif setgħet żelqet fl-ilma la darba ma kellhiex taħsel it-terrazzin.
>
> "5. L-attriċi qatt ma rrappurtat lill-eċċipjenti eżattament kif tallega li sar l-inċident u għalhekk, l-eċċepjenti tirriżerva li tressaq eċċezzjonijiet u tagħmel sottomissjonijiet oħra meta tkun edotta aħjar mill-fatti kif allegati mill-attriċi.
>
> "6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.
>
> "Bl-ispejjeż.''

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Gunju, 2020, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetà konvenuta, laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat lis-socjetà konvenuta responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza; llikwidat id-danni kollha sofferti mill-attrici konsegwenza tal-istess incident fis-somma ta' €14,871.11 u kkundannat lis-socjetà konvenuta thallas lill-attrici d-danni kif likwidati. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, imbagħad tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża. Il-fatti tal-kawża odjerna huma pjuttost sempliċi. Jirriżulta mill-provi li l-inċident seħħ fiż-żmien meta l-attriċi kienet impjegata bħala home helper fuq bażi każwali mas-soċjetà konvenuta.[1] Ġara li

[1] Ara kuntratt tax-xogħol a fol. 24

fis-17 ta' Settembru, 2014, għall-ħabta tas-siegħa ta' waranofsinhar, filwaqt li hija kienet qiegħda taħsel il-parapett tar-residenza tal-anzjana Carmelin Micallef[2], l-attriċi żelqet u kissret id-driegħ tax-xellug[3].

"Ma jirriżultax li l-mod kif seħħ l-inċident huwa kkontestat min-naħa tas-soċjetà konvenuta, li però qiegħda ssostni li l-inċident seħħ unikament tort tal-attriċi hekk kif din kienet qiegħda twettaq xogħol mingħajr l-istruzzjonijiet tagħha.

Sabiex turi li dan ma kienx minnu, l-attriċi ppreżentat kopja tad-deskrizzjoni tax-xogħol tagħha[4], li hija kienet ingħatat mis-soċjetà konvenuta.

"L-attriċi għalhekk tinnega dak li qiegħda tisħaq fuqu s-soċjetà konvenuta, u tippremetti li l-inċident seħħ bħala riżultat tan-negliġenza tal-imsemmija soċjetà konvenuta, li naqset milli tipprovdi l-għodda neċessarja għas-sigurtà tagħha fuq il-lant tax-xogħol. Taħt il-kap "*Għajnuna Domestika*" fil-paragrafu numru 10 tal-job description tal-attriċi, hemm miktub hekk:

> "*Xogħol ta' tindif fuq barra: Jsir il-bieb ta' barra u tindif tal-bitħa nterna, btieħi żgħar u l-parapett ta' quddiem il-bieb ta' barra*".

"Dan id-dokument mhux iffirmat jidher li huwa pjuttost dokument li kien jintuża u jinżamm għall-fini ta' xhieda ta' dak li l-attriċi bħala *home helper* tkun wettqet f'ġurnata partikolari tax-xogħol tagħha ma' klijent partikolari u għall-fini ta' evalwazzjoni tas-servizz. Jidher għalhekk li saħansitra għall-fini ta' kompletezza tad-dokument kienet neċessarja l-firma tal-klijent u dik tas-*supervisor*, flimkien mal-firma tal-*home helper*.

"Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha ma ċaħditx li kienet hija li għaddiet dan id-dokument lill-attriċi, iżda ppreżentat dokument ieħor intestat "*Deskrizzjoni tax-Xogħol ta' Home Helper*"[5] u l-managing director tagħha Albert Micallef xehed li dan id-dokument kien jagħmel parti mill-kuntratt tax-xogħol u kien tħejja min-naħa tal-Gvern, ma' min is-soċjetà konvenuta kellha kuntratt. Is-soċjetà konvenuta aktar tard waqt il-proċeduri, esebiet dokument[6] mhux datat bil-firma tal-attriċi stess, u li skont il-managing director tagħha Albert Micallef, kienet parti annessa mal-kuntratt. L-attriċi fil-kontroeżami tagħha ikkonfermat li l-firma[7] kienet tagħha u ma ċaħditx li d-dokument kien ġie mehmuż mal-kuntratt tax-xogħol tagħha.[8] Il-Qorti tosserva li dan id-dokument ma jagħtix informazzjoni dwar kif kellu jsir il-ħasil ta' parapett, iżda tqis li mill-istruzzjonijiet ta' kuljum li ddeskriviet l-attriċi, flimkien mal-kontenut ta' Dok A1 ippreżentat minnha, joħroġ ċar li l-parapett tar-residenza tal-

[2] Ara affidavit a fol. 92.
[3] Ara Case Summary maħruġ mill-Isptar Mater Dei, a fol. 30, u l-affidavit tal-attriċi, a fol. 16.
[4] Dok. A1, a fol. 166.
[5] Dok. AM1 a fol. 163 tal-proċess.
[6] Dok. MBB1 a fol. 196 tal-proċess.
[7] Seduta tal-11 ta' Ġunju, 2018, a fol. 188 tal-proċess.
[8] Seduta tal-11 ta' Ġunju, 2018, a fol. 197 tal-proċess.

anzjana kellu jinħasel ta' mill-inqas darba kull xahar. Anki minn dak li xehdet l-attriċi[9], jirriżulta li l-istruzzjonijiet mingħand is-supervisors tagħha, u hawnhekk issemmi li ċertu Marika kif ukoll Terry Anne, kienu sabiex il-parapett jinħasel.[10] Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis li m'hemmx dubju li l-attriċi meta ħaslet il-parapett tar-residenza tal-anzjana Carmelin Micallef, kienet qiegħda ssegwi l-istruzzjonijiet tal-prinċipal tagħha u għalhekk it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta ma jistgħux jintlaqgħu.

"Jonqos għalhekk li l-Qorti tikkunsidra jekk kienet is-soċjetà konvenuta proprju li naqset fil-konfront tal-attriċi kif allegat minn din tal-aħħar. Albert Micallef fix-xhieda tiegħu waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu, 2018[11], ikkonferma li l-*home helpers* ma kellhom l-ebda taħriġ dwar is-saħħa u s-sigurtà. Mhux kontestat min-naħa tas-soċjetà konvenuta li hija qatt ma kienet tat lill-attriċi xi tagħmir għas-sigurtà tagħha, u dan minkejja li l-attriċi kienet għamlet diversi talbiet sabiex tingħata ingwanti għat-tindif kif ukoll safety shoes[12].

"Għalhekk jirriżulta mill-provi li s-soċjetà konvenuta naqset milli tħares id-diversi obbligi li kellhom jiġu mħarsa, u li l-liġi stess timponi fuq min iħaddem li għandu jħares. F'deċiżjoni fl-ismijiet Frederick Sammut et vs. Direttur Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili et[13], il-Qorti proprju indirizzat dan l-obbligu partikolari ta' min iħaddem, u qalet:

> "*Kull min iħaddem għandu jagħmel dan l-eżercizzju billi jottempera ruħu mad-dmirijiet ġenerali li jadotta prekawzjonijiet xierqa bħala bonus paterfamilias, u għalhekk, f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol, għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ, u reviżjoni kritika tal-miżuri preventivi u protettivi. Dan jinkludi li jiġi kkonsidrat kemm in-natura tal-attivitajiet tax-xogħol billi tingħata l-informazzjoni u t-taħriġ meħtieġa skont il-liġi; li jara li jiġi pprovdut post sigur fejn isir it-taħriġ; li tingħata l-għodda adegwata u l-ilbies kollu protettiv meħtieġ; kif ukoll li tali għodda hekk adattata tiġi użata u lbies attwalment użat, b'dan li anki kieku jingħata l-ilbies u apparat protettiv kollu (li mhux il-każ odjern), xorta waħda l-prinċipal għandu jara li l-apparat jiġi effettivament użat*."

"Fid-deċiżjoni fl-ismijiet Fenech et vs. Chairman tal-Malta Drydocks et[14], dwar l-obbligi da parti ta' min iħaddem, inkiteb:

> "*Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min iħaddem, il-Qrati tagħna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi 'a safe place of work' iżda rari kienu jidħlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min iħaddem li hekk jipprovdi jkunx aġir bi ksur ta' obbligu kuntrattwali jew aġir delittwali. Li hu żgur hu li l-Qrati tagħna dejjem jitkellmu fuq 'dover' u*

---

[9] Seduta tal-11 ta' Ġunju, 2018, a fol. 187 tal-proċess.
[10] Ara wkoll xhieda seduta tal-11 ta' Ġunju, 2018, a fol. 191 tal-proċess.
[11] A fol. 159 tal-proċess.
[12] Ara xhieda permezz tal-affidavit a fol. 16 et seq. tal-proċess, u xhieda seduta 11 ta' Ġunju, 2018, a fol. 190.
[13] Q.A., 24.11.2017.
[14] Q.A., 03.12.2010.

> *'obbligazzjonijiet' ta' min iħaddem, bħallikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-ħaddiem li jipproteġieh. Fil-kawża Sultana vs Spiteri deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Mejju, 1979, ġie osservat li min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem, obbligu speċifiku u determinat li donnu joħroġ mill-isfera tal-kunċett ta' neminem laedere, involut fir-responsabilità taħt delitt u kważi-delitt. Il-Qrati tagħna espandew fuq dan l-obbligu ta' min iħaddem, u jinsistu fuq id-dover tiegħu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xogħol nadif u ħieles minn perikolu, stħarrig u superviżjoni tal-ħaddiema, manutenzjoni regolari fuq kull biċċa magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xogħol (ara per eżempju lkawża Galea vs Meilaq noe, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis- 27 ta' Ġunju 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min iħaddem "to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work" – Borg vs Wells noe, deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn min iħaddem u l-ħaddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jieħu ħsieb l-inkolumità tal-ħaddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bħala parti mit-termini tal-istess kuntratt*."

"Il-Qorti tikkunsidra wkoll dak li qal ix-xhud Albert Micallef, fejn ikkonferma li l-impjegati kollha tas-soċjetà konvenuta kienu koperti permezz ta' polza tal-assikurazzjoni, b'dana li f'każ ta' inċident dan kellu jiġi notifikat lill-kumpannija assikuratriċi f'żmien stipulat, iżda fil-każ odjern huwa ma setax jgħid jekk in-notifika saritx jew le. Mill-kondizzjonijiet speċjali annessi mat-*tender*[15], jirriżulta li l-polza kienet rekwiżit essenzjali tal-kuntratt li s-soċjetà konvenuta kellha mal-Gvern għall-provvista ta' servizz ta' *home help.*

"<u>Danni</u>

"Jifdal għalhekk li l-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attriċi, li jinkludu danni materjali kif ukoll telf ta' qligħ futur li hija jista' jkollha minħabba fid-debilità permanenti sofferta minnha b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

"Mr Carmel Sciberras, konsulent ortopediku u espert mediku ġudizzjarju, ħejja rapport dettaljat wara li huwa eżamina lill-attriċi fil-11 ta' April, 2017, jigifieri kważi tliet snin wara li seħħ l-inċident, fejn spjega dak li osserva hekk kif eżamina l-ispalla u d-driegħ tax-xellug tal-attriċi u wasal għall-konklużjoni li l-perċentwal ta' diżabilità permanenti kellu jkun ta' 11%.[16]

"*Damnum Emergens*:

[15] Klawsola 13.3 para (a) Dok. JP3, a fol. 288.
[16] Rapport a fol. 126 et seq. tal-proċess.

"L-attriċi ppreżentat[17] tliet irċevuti maħruġa minn 'St. Anne Clinic' li jindikaw li dawn kienu jirrigwardaw id-dritt professjonali dovut lil Mr Ray Gatt. Kif tgħid l-attriċi fl-affidavit tagħha, l-ammont komplessiv tal-ispejjeż mediċi jirriżulta fissomma ta' tliet mija u ħames Euro (€305.00). Din l-ispiża hija kkorraborata mixxhieda ta' Mr Ray Gatt innifsu li kkonferma li huwa kien eżamina lill-attriċi diversi drabi.[18] Ma jirriżultax lill-Qorti mill-provi li l-attriċi inkorriet spejjeż oħra, u għalhekk din is-somma tirrappreżenta d-danni materjali li għandhom jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

"*Lucrum Cessans:*

"F'sentenza fl-ismijiet Emmeline Cini vs. Antoine Cachia[19], il-Qorti qalet:

> "*Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħaba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia lucrum cessans, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-egħmil dirett tad-danneġġjant*."

"Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet Paul Debono vs. Malta Drydocks[20], ġie stabbilit illi:

> "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċizjonijiet in materja*."

"Il-multiplier huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' ħamsa u tletin (35) sena, li hija l-età li kellha l-attriċi meta seħħ l-inċident[21], il-multiplier adottat ikun ta' ħamsa u għoxrin (25), tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq l-età pensjonabbli.

"F'sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs. Edward u Lydia konjuġi Restall[22], il-Qorti qalet:

---

[17] A fol. 36 et seq. tal-proċess.
[18] Ara xhieda seduta 24 ta' Frar, 2017, a fol. 97.
[19] P.A., 18.02.2013.
[20] P.A., 27.04.2005.
[21] Ara Dok. MB21 a fol. 74.
[22] P.A., 10.05.2005.

*"Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-'changes and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.*

*…*

*Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżercizzju matematiku – għalkemm tali eżercizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' Butler vs Heard, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u flammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala 'lucum cessans' jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu*."

"L-attriċi fl-affidavit tagħha[23] tgħid li hija kienet taħdem kuljum mit-Tnejn sas-Sibt, b'dana li mit-Tnejn sal-Ġimgħa kienet taħdem sitt sigħat kuljum, u s-Sibt kienet taħdem ħames sigħat. Tirrileva li hija kienet taqla' €4.30 fis-siegħa u f'sena kienet taqla' madwar €6,450.00. Fil-fatt il-qligħ għas-sena 2014 huwa indikat fis-somma ta' €6,411 fil-FS3 ta' dik is-sena.[24] Jirriżulta li l-attriċi ma reġgħetx lura għax-xogħol u fit-30 ta' Novembru, 2015, intemm l-impjieg tagħha[25] mas-soċjetà konvenuta. Ir-raġuni li ngħatat kienet '*Transfer of business'*.[26] Mill-ammont ta' €6,411 irid jitnaqqas €641.10 bħala kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali mħallsa skont ir-rati uffiċjali tas-sena 2014 meta seħħ l-inċident, b'dana li l-ebda ammont m'għandu jitnaqqas fir-rigward ta' taxxa peress li l-ebda taxxa ma kienet dovuta mingħand l-attriċi li d-dħul tagħha kien jaqa' taħt il-minimu stabbilit.

"Is-salarju tal-attriċi irid jiġi aġġustat u jogħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-multiplier[27], b'hekk {€5,769.90 + (€5,769.90 x 1.18% x 25)}, sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li l-attriċi kienet tirċievi li kieku baqgħet taħdem, fis-somma ta'

---

[23] A fol. 22 tal-proċess

[24] Ara kopja Dok. MB18 a fol. 60 tal-proċess.

[25] Affidavit a fol. 21 u 22 tal-proċess.

[26] Ara ittra mill-ETC datata 05.12.15 Dok. MB15 a fol. 51 tal-proċess.

[27] F'sentenza mogħtija mil-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju, 2001, fl-ismjiet Joseph Galea vs Charles Fenech pro et noe, il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-multiplier". Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 1.18% li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar ħames snin skont l-NSO: {1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37%(2017) + 1.16% (2018) + 1.64% (2019) ÷ 5 = 1.18%}.

€5,769.90 + €7,472.02 ÷ 2 = €6,620.96. Huwa dan is-salarju li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

"L-espert mediku ġudizzjarju Mr Carmel Sciberras wasal għall-konkluzjoni li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attriċi huwa ta' 11%[28], grad aktar għoli minn dak stabbilit minn Mr Ray Gatt fis-27 ta' Awwissu, 2016, meta kien ġie inkarigat mill-attriċi sabiex jinvistaha.[29] Iżda l-espert mediku ġudizzjarju jattribwixxi ż-żieda għall-fatt li l-ispalla tal-attriċi kienet ibbieset aktar biż- żmien.[30] Il-Qorti ma ssibx raġuni għalfejn m'għandhiex tistrieħ fuq ir-rapport tal-imsemmi espert mediku ġudizzjarju, filwaqt li tieħu inkonsiderazzjoni li s-soċjetà konvenuta ma kkontestatx ir-rapport bl-ebda mod.

"L-evoluzzjoni ġurisprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wasslet għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba (*lump sum payment*). Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'kazijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta jiġi ppreżentat ir-rikors maħluf u d-data tas-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża ġiet ippreżentata fis-sena 2016 minkejja li l-inċident kien seħħ fil-2014, u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

"Is-salarju medju ta' €6,620.96 x multiplier ta' 25 x 11% diżabilità permanenti sofferta mill-attriċi, iwasslu għal cifra ta' €18,207.64 li meta ridotta b'20% (*lump sum payment*) ta' €3,641.53, twassal għas-somma ta' €14,566.11 (erbatax-il elf, ħames mija, u sitta u sittin Euro u ħdax-il centezmu). Huwa dan il-*lucrum cessans* li l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li għandu jitħallas mis-soċjetà konvenuta lill-attur."

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetà konvenuta St. James (Capua) Hospital Limited, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Gunju, 2020, in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet taghha u minflok tichad it-talbiet attrici appellata u tilqa' l-eccezzjonijiet tas-

[28] Ara rapport a fol. 126 tal-proċess.
[29] Ara rapport Dok. MB01 a fol. 4 tal-proċess.
[30] Xhieda seduta 7 ta' Ottubru, 2019, a fol. 324 tal-proċess.

socjetà appellanti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attrici appellata.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-attrici appellata li permezz taghha ssostni li l-appell tas-socjetà attrici appellanti ghandu jigi michud u s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-12 ta' Gunju, 2020, ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha.

7. Rat li d-difensuri tal-partijiet ressqu nota kongunta li permezz taghha talbu li, a tenur tal-Artikolu 207 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), iddikjaraw li m'ghandhom l-ebda sottomissjonijiet verbali jew bil-miktub x'jaghmlu u konsegwentement talbu li l-appell jista' jithalla ghas-sentenza, skont il-ligi.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz ta' din il-kawza, li hija essenzjalment wahda ta' danni, l-attrici li kienet impjegata bhala *home helper* mas-socjetà konvenuta, qieghda ssostni li hija korriet konsegwenza ta' incident fuq il-post tax-xoghol u sofriet debilità permanenti, peress li s-socjetà konvenuta naqset

milli tipprovdi t-taghmir mehtieg ghas-sahha u s-sigurtà tal-impjegati taghha fuq il-post tax-xoghol. Min-naha taghha, is-socjetà konvenuta teccepixxi li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress li hija ma kinitx negligenti, izda ssostni li l-incident sehh tort l-istess attrici minhabba nuqqas ta' attenzjoni u negligenza da parti taghha, meta ghamlet xoghol li ma kinitx inkarigata taghmel.

10. Permezz tas-sentenza taghha tat-12 ta' Gunju, 2020, l-ewwel Qorti filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta, laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-istess socjetà konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' €14,871.11, rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attrici, bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kontra s-socjetà konvenuta.

11. Is-socjetà konvenuta hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u ghalhekk ressqet l-appell in ezami li jissejjes fuq hames aggravji principali:

(i) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha u skartat provi li jikkontrastaw fis-shih ma' dak dikjarat mill-appellata u qieset li l-appellata kienet qieghda ssegwi l-istruzzjonijiet tal-principal taghha meta kienet tahsel il-parapett tad-dar ta' Carmelina Micallef;

(ii) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha, skartat provi li jikkonstrastaw fis-shih ma' dak dikjarat mill-appellata, u skartat ukoll l-insenjamenti gurisprudenzjali meta qieset li s-socjetà appellanti naqset fil-konfront tal-appellata u kienet responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza;

(iii) l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi taghha, skartat ukoll id-dubju serju li tefa' zewg l-attrici fuq l-incident u fuq il-kredibilità tal-akkadut kollu;

(iv) l-ewwel Qorti ma qisitx id-dubju dwar dak li medikament ikkawza d-debilità permanenti li sofriet l-appellata; u

(v) l-ewwel Qorti zbaljat ukoll meta llikwidat id-danni b'percentwali akbar minn dak mitlub mill-istess attrici u konsegwentement iddecidiet *ultra petita* t-talbiet tal-attrici.

12. Ghandu jinghad mal-ewwel li, sa fejn is-socjetà konvenuta appellanti tikkontesta l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Dicembru, 2018, fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim'Ministru et**:

> "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma*

> *hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.*"

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jehtieg li din il-Qorti tifli mill-gdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli.

13. Fl-ewwel aggravju taghha, is-socjetà appellanti tishaq li mill-obbligi kuntrattwali bil-miktub annessi mal-kuntratt u ffirmati mill-attrici jirrizulta li, il-hasil bl-ilma tal-btiehi, parapetti, terrazzini u ambjenti esterni ohra tad-djar kienu espressament eskluzi. Taghmel referenza ghad-dokument esebit fl-atti bhala Dok. AM1 (esebit a fol. 164) fejn jinghad li "*Il-bjut jew terrazzini kbar jistghu jigu miknusa skont il-bzonn, darba qabel ma tibda x-xitwa*." Kif ukoll jinghad li t-tindif tal-intrata ma jinkludix "*drive-ins u inhawi ta' madwar villel u kantunieri ta' djar mhumiex inkluzi.*" Tirreferi ghad-dokument li kien debitament iffirmat mill-attrici (Dok. MBB1 a fol. 196) sabiex issostni li l-attrici, bhala impjegata, kisret b'mod car l-obbligi taghha u marret lil hinn mill-mansjonijiet taghha skont il-kuntratt ta' impjieg.

14. Jibda billi jigi osservat li, ghalkemm mil-lista ta' qadi li kellha taghmel l-attrici jirrizulta l-kliem li jinghad mis-socjetà konvenuta

appellanti, tajjeb li jinghad ukoll li din il-Qorti, bhal ma ghamel l-avukat difensur tal-appellanti (fol. 233), ivverifikat mill-*google maps,* il-parapett in kwistjoni fejn l-attrici kienet qieghda tnaddaf meta weggghet. Jirrizulta al kwantu car li, il-post fejn sehh l-incident in kwistjoni zgur li ma jikkwalifikax bhala terrazzin kbir, *drive-in* jew inhawi ta' madwar villel, izda huwa purament il-parapett ta' quddiem l-appartament numru wiehed (1) (ara arja ndikata bl-ahmar fir-ritratt hawn taht).




15. In kwantu ghall-istruzzjonijiet li l-attrici appellata tghid li rceviet, din il-Qorti ma tqisx li r-referenza ghax-xhieda ta' Aaron Axiaq bhala relevanti, konsidrat li dan ix-xhud ma kellu l-ebda rwol fis-socjetà konvenuta appellanti, izda kien semplicement involut fir-reklutagg tan-nies li setghu jaghmlu x-xoghol mehtieg mis-socjetà konvenuta appellanti ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt moghti lilha mill-Gvern. Izda mix-xhieda

tas-sinjura Terry Anne Cilia, jidher li tabilhaqq din kienet il-persuna li l-impjegati kienu jikkuntattjaw f'kaz ta' problema jew bzonn ta' xi klijenta b'rabta mal-kuntratt in kwistjoni (ara xhieda a fol. 177 u 178 tal-process). Kwindi huwa al kwantu verosimili li l-attrici tkun staqsiet lil din il-persuna f'kaz ta' diffikulta dwar il-mansjonijiet taghha. Inoltre, il-kuntratt tal-impjieg tal-attrici jipprovdi wkoll is-segwenti: "*The Employee shall perform his/her duties in a flexible manner and shall undertake all other additional duties as may be assigned to him/her by the Employer from time to time…"* Jekk ghall-grazzja tal-argument, l-attrici kellha talba tal-klijenta li tahslilha l-parapett quddiem il-bieb tal-appartament u l-attrici vverifikat mas-sinjura Cilia, il-persuna assenjata mis-socjetà konvenuta li twiegeb il-mistoqsijiet, li qaltilha sabiex tipprocedi, tali agir ghandu proprju jindika l-flessibilità tal-attrici appellata u m'ghandhiex tigi mcanfra jew penalizzata ladarba kienet qieghda twettaq il-mansjonijiet taghha fl-assistenza moghtija minnha fix-xoghol tad-dar.

16. Isegwi li din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni tas-socjetà konvenuta appellanti meta jinghad minnha li l-incident sehh peress li l-attrici ma segwietx l-istruzzjonijiet moghtija lilha. Tant hu hekk li fid-dokument esebit mill-attrici bhala deskrizzjoni tas-servizzi moghtija minnha (fol. 166) kien hemm inkluz "*Xoghol ta' tindif fuq barra u tindif tal-bitha nterna, btiehi zghar u* ***parapett ta' quddiem il-bieb ta' barra****."* Ghalkemm dan id-dokument ma jirrizultax li kien guramentat mill-attrici,

madankollu lanqas kien ikkontestat mis-socjetà konvenuta appellanti u ghalhekk din il-Qorti ssib li dan id-dokument jikkorrobora dak li jinghad mill-attrici appellata li l-hasil tal-parapett quddiem il-bieb ta' barra kien parti mix-xoghol li kellha twettaq. Huwa mill-aktar inkongruwu li s-socjetà konvenuta appellanti tittanta tahrab mir-responsabbiltajiet taghha a bazi ta' dan l-ewwel argument taghha. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dak li nghad mill-ewwel Qorti meta kkonkludiet li l-attrici kienet qieghda timxi mal-istruzzjonijiet tal-principal taghha, in kwantu haslet il-parapett tar-residenza tal-anzjana Carmelin Micallef. Isegwi li l-ewwel aggravju ser jigi michud.

17. Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju fejn is-socjetà konvenuta appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata meta nghad minnha li ma tatx tahrig dwar sahha u sigurtà u lanqas taghmir protettiv lill-attrici appellata. Dan meta jirrizulta mix-xhieda tal-istess appellata li saret laqgha fejn l-impjegati kienu nghataw taghrif dwar is-sahha u s-sigurtà taghhom u nghataw ukoll ordni sabiex jilbsu *slippers* sabiex ma jizolqux. Inoltre ssostni li l-istess appellata xehdet li hija kienet liebsa *slippers* proprju sabiex ma tizloqx dakinhar tal-incident, skont l-ordni moghtija lilha mis-socjetà konvenuta. Kwindi s-socjetà konvenuta appellanti ssostni li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti tinsab kontradetta mix-xhieda tal-istess attrici appellata. L-appellanti tispjega li skont l-attrici appellata hija kellha esperjenza fil-qasam tat-tindif u ma kien hemm l-

ebda pretensjoni li dan ix-xoghol kien jehtieg xi supervizjoni. Ticcita gurisprudenza sabiex issostni li l-attenzjoni mehtiega da parti taghha kellha tkun dik ta' *bonus pater familias* u mhux fi grad oghla, kif ukoll li s-sistema legali taghna hija *fault-based* u tehtieg li jkun hemm rabta bejn il-kawza u l-effett ghal dak li jkun gara. Hekk ukoll, ladarba t-talbiet attrici huma bbazati fuq in-nuqqas tas-socjetà konvenuta li tipprovdi taghmir protettiv, il-Qorti hija marbuta li tqis dik il-kawzali biss. Inoltre, gialadarba l-attrici kienet proprju liebsa z-zarbun li kellha meta weggghet, hija bhala *employer* ma kinitx mistennija tipprovdi taghmir protettiv li mhuwiex mehtieg ghall-ezekuzzjoni tal-obbligi tal-impjegati taghha u anqas ghandha twiegeb ghal xi sinistru li gara minkejja li l-istess taghmir protettiv kien f'sieq l-attrici appellata fil-mument tal-incident. L-appellata ma ressqet l-ebda prova ghajr ix-xhieda taghha stess, li kien hemm il-htiega li s-socjetà konvenuta appellanti li tipprovdi xi taghmir protettiv partikolari, sabiex hija tkun tista' taqdi l-funzjonijiet taghha f'xogholha. Ghalhekk issostni li l-ewwel Qorti zbaljat meta akkollat ir-responsabbilità fuqha meta kien jispetta lill-attrici appellata li tipprova n-negligenza tal-principal taghha u mhux semplicement billi tipprova li hija ma gietx provduta b'taghmir protettiv mehtieg, izda li l-istess appellanti kienet obbligata tipprovdihom u li kien dan in-nuqqas li kkawza z-zelqa tal-appellata f'post fejn kienet mistennija li taghmel xogholha.

18. Fir-rigward tat-tieni aggravju, tajjeb li jigu mfakkra l-principji applikabbli f'kawzi ta' danni fejn ikorri haddiem fuq il-post tax-xoghol, fosthom dawk li jirrizultaw mill-provvedimenti tal-ligi generali, cioè l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili li jipprovdi li *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu",* liema htija tinkombi fuq min *"ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja"* (Artikolu 1032 (1) tal-Kap. 16), jew li jkun ghamel jew naqas li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi (Artikolu 1033). Inoltre fil-qasam tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, tapplika ligi specjali li tirregola d-dmirijiet u l-obbligi kemm ta' min ihaddem, kif ukoll tal-haddiem. Hija regola generali f'dan il-qasam li, min ihaddem irid jipprovdi a *safe system of work.* (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Marzu, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et**). Fost id-dmirijiet li l-ligi titfa' fuq min ihaddem insibu l-piz li jiehdu l-mizuri xierqa sabiex jigu identifikati u evalwati r-riskji, li jittiehdu l-mizuri mehtiega li jitnaqqsu dawk ir-riskji (Artikolu 6 (2) tal-Kap. 424), kif ukoll id-dmir tal-ghoti tat-taghrif, taghlim u tahrig mehtieg, kif ukoll supervizjoni sabiex tithares is-sahha u s-sigurtà tal-haddiem (Artikolu 6 (3) tal-Kap. 424). Dawn id-dmirijiet igorru maghhom grad gholi ta' responsabbilità fuq min ihaddem, li fuqu jaqa' l-piz li jipprova li l-incident ikun sehh minkejja li jkun hares dak kollu li l-ligi timponi fuqu fir-rigward.

19. Min-naha l-ohra, il-grad gholi ta' responsabbilità ta' min ihaddem, ma jehlisx lill-haddiem mill-obbligu li jhares is-sahha u s-sigurtà tieghu nnifsu u ta' dawk kollha li jistghu jintlaqtu mix-xoghol li jkun qieghed iwettaq (Artikolu 7(1) tal-Kap. 424) jew milli jikkoopera ma' min ihaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 7(2) tal-Kap. 424). Hekk ukoll jitqies li haddiem ghandu jzomm lura milli jqieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih ghal riskju bla bzonn u li joqghod attent ghal dak li jkun qieghed jaghmel. Haddiem li jonqos milli joqghod ghall-istruzzjonijiet li jkun tah, jew ghall-prekawzjonijiet li jkun fetahlu ghajnejh ghalihom min ihaddem, ghandu jbati l-konsegwenzi li jgarrab. Dan ifisser li l-ligi taghna ma timponix responsabbilità fuq min ihaddem ta' *strict liability,* cioè li jwiegeb ghal kull incident li impjegat jista' jgarrab fuq il-post tax-xoghol. Izda r-responsabbilità ta' min ihaddem ma titlobx grad oghla ta' responsabbilità minn ta' dak il-bniedem li jezercita l-prudenza, ghaqal u l-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja u jekk kemm-il darba l-impjegat ikun traskurat, jew jekk imur kontra l-istruzzjonjiet ta' min jimpjegah, jista' jinzamm unikament responsabbli ghall-akkadut.

20. Trattati l-principji li jirregolaw il-kaz, meta jigu applikati ghall-kaz in ezami, kif inghad fil-konsiderazzjonijiet taht l-ewwel aggravju, din il-Qorti tinsab konvinta li l-attrici appellata kienet qieghda ssegwi l-istruzzjonijiet moghtija lilha. Il-qofol tal-problema hija jekk l-attrici nghatatx it-taghmir protettiv mehtieg sabiex twettaq ix-xoghol assenjat lilha. Huwa minnu li

mill-atti jirrizulta li s-socjetà konvenuta organizzat laqgha ghall-haddiema li kienu jaghmlu x-xoghol bhal dak assenjat lill-attrici, li l-istess attrici kienet attendiet ghaliha u li f'din il-laqgha nghad li dawn il-haddiema ghandhom jilbsu *slippers.* B'danakollu ma jfissirx li b'daqshekk is-socjetà konvenuta helset mill-obbligi taghha ghal kollox. Kuntrarjament ghal dak li jinghad mis-socjetà attrici appellanti, mix-xhieda ta' Albert Micallef, impjegat f'kariga manigerjali mas-socjetà konvenuta appellanti, jirrizulta li dawk l-impjegati bhall-attrici appellata, li kienu *home helpers,* ma kinux jinghataw tahrig fuq sahha u sigurtà (ara fol. 159).

21. Madankollu, jidher li s-socjetà konvenuta kienet konxja tar-riskju ta' zlieq li kien marbut max-xoghol imwettaq mill-haddiema taghha, tant li fil-laqgha li saret kien irrakomandat li l-haddiema jilbsu *slipper.* Fil-verità, dan il-parir jitqies pjuttost generiku, in kwantu ma dahalx f'dettal fundamentali, dak li z-zarbun ikun wiehed xieraq ghax-xoghol in kwistjoni. Dan il-parir ma jehlisx lis-socjetà konvenuta mill-obbligu taghha li tipprovdi lill-haddiema bit-taghmir protettiv xieraq kif titlob il-ligi (Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 424.21). Hekk ukoll il-fatt li l-attrici appellata xtrat *slipper* li fil-fehma taghha kien addattat ghax-xoghol taghha ma jezonerax lis-socjetà konvenuta appellanti mill-obbligi taghha u wisq anqas il-fatt li minkejja li l-attrici appellata kienet liebsa tali *slippers* fil-mument li sehh l-incident ma jista' joffri l-ebda fejda ghall-istess socjetà konvenuta appellanti.

22. F’dan il-kaz kien jispetta lis-socjetà konvenuta appellanti li tipprovdi zarbun li jkun addattat ghaz-zlieq u mhux thalli f’idejn l-impjegati li jilbsu kwalunkwe *slipper* li jistghu jsibu fis-suq li mhux necessarjament ikun addattat ghax-xoghol in kwistjoni. Isegwi li ladarba s-socjetà konvenuta appellanti naqset milli tipprovdi t-taghmir protettiv mehtieg, f’dan il-kaz iz-zarbun kontra z-zlieq, u l-incident in ezami sehh konsegwenza ta’ zlieq, jirrizulta proprju n-ness bejn in-nuqqas tas-socjetà konvenuta appellanti u l-incident li sehh, li wassal ghad-danni mgarrba mill-attrici. Fi kwalunkwe kaz, kien jispetta lis-socjetà konvenuta appellanti li tipprova li hija mxiet b’dik id-diligenza u ghaqal mistenni minn missier tajjeb tal-familja u mhux lill-attrici appellata. Min-naha l-ohra, ma jirrizultax li tressqet xi prova li tindika li kienet in-negligenza jew traskuragni da parti tal-attrici appellata li wassal ghall-incident in kwistjoni. Ghalhekk lanqas dan it-tieni aggravju tas-socjetà attrici appellanti ma jimmerita li jintlaqa’ u ser jigi michud.

23. In kwantu ghat-tielet aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti, fejn jinghad minnha li fl-apprezzament tal-provi l-ewwel Qorti skartat id-dubju serju li tefa’ zewg l-attrici fuq l-incident u fuq il-kredibilità tal-akkadut, peress li kien evaziv fit-twegibiet tieghu u jaghti x’jifhem li martu kellha xi incident minhabba xi waqgha mill-gholi, li jaqbel ma’ dak li jinghad mix-xhud Terry Anne Cilia li skont dak li tiftakar, l-attrici appellata

kienet waqghet minn fuq sellum. Is-socjetà konvenuta appellanti tishaq li x-xhud Bjorn Borg (ir-ragel tal-attrici appellata) ma jistax jitwemmen meta jinghad minnu li martu ma qaghditx tispjegalu kif sehh l-incident. Hija tislet estensivament mix-xhieda ta' zewg l-attrici sabiex issostni l-argument taghha li, huwa kien qieghed jipprova jahbi xi haga peress li ma jistax jitwemmen li huwa ma tkellem qatt mal-mara dwar id-dettalji tal-incident li bih il-mara spiccat l-isptar. Inoltre jinghad li minkejja li l-ewwel Qorti canfret lil dan ix-xhud, ma ssemma xejn fis-sentenza, minkejja l-probabbilità li dan ix-xhud flimkien ma' martu, l-attrici appellata kienu qeghdin izommu mistur dak li effettivament gara.

24. Ghandu jinghad mal-ewwel li, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan it-tielet aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti huwa pjuttost wiehed dghajjef. Dan jinghad peress li minn ezami tax-xhieda ta' zewg l-attrici jirrizulta li huwa kien iwissi lil martu sabiex toqghod attenta ghal diversi affarijiet sabiex ma tweggax, fosthom li titlob li jkollha *safety shoes* u ingwanti, li qatt ma nghatawlha, kien jghidilha wkoll sabiex ma titlax fil-gholi u tevita s-slielem, kif ukoll li minghajr apparat adegwat, kien facli hafna li twegga'. Issa d-difiza ghogobha taqbad mal-impressjoni tal-impjegata taghha Terry Anne Cilia li l-attrici kienet waqghet minn fuq is-sellum, li pprecizat li ma kinitx certa dwarha, mat-twissija tar-ragel tal-attrici li ma titlax fil-gholi, u donnha tipprova tohloq dubju dwar id-dinamika tal-incident sabiex issostni li l-attrici possibilment waqghet minn xi gholi. Fil-verità minn

ezami tas-siltiet imsemmija fir-rikors tal-appell, ix-xhud baqa' kategoriku li l-incident sehh kawza ta' zlieq fil-parapett fejn l-attrici kienet qieghda tahdem u mhux minn xi waqgha mill-gholi.

25. Izda tajjeb li jigi sottolinjat li x-xhieda krucjali dwar id-dinamika tal-incident hija tal-istess attrici appellata u tal-anzjana li kienet qieghda tassisti li kienet prezenti u mhux x'inghad minn terzi dwar impressjoni li kellhom jew x'inghadilhom. L-attrici appellata tghid li l-anzjana talbitha tahslilha l-parapett tar-residenza taghha qabel ma titlaq u ftit wara li bdiet tahsel l-art, zelqet u waqghet mal-art. In kontro-ezami hija tichad kategorikament li kienet qieghda taghmel uzu minn sellum. Din il-verzjoni taqbel perfettament ma' dak li nghad mill-anzjana Carmelin Micallef fl-affidavit taghha:

> *"Niftakar li jiena kont fil-living room bilqieghda fuq il-pultruna tieghi nistenniha tnaddaf. Jiena kont qed nara t-television. Michelle kienet qeghda barra fil-parapett. Malli tidhol mill-parapett, issib il-living room fejn kont jiena. Michelle kienet qeghda tahsel il-parapett. F'daqqa wahda smajt hoss kbir u jiena qomt nittawwal u bdejt nghajat l-ghajjut. Jiena rajt lil Michelle ma' l-art u meta sejjahtilha ma wegbitnix."*

26. Hekk ukoll din ix-xhieda tinsab kkorraborata bi provi ohra kardinali, dawk tal-Case Summary mahrug mill-Isptar Mater Dei u tar-Rapport ta' Korriment li saru *a tempo vergine* (esebiti rispettivament bhala Dok. MB06 a fol. 30 u Dok. SM1 a fol. 215 tal-process). Fil-Case Summary tal-isptar jinghad "*35 year old lady presented to A&E on 17/9/2014 after she slipped while washing the floor and landed on her left arm.*" Filwaqt

li fir-Rapport tal-Korriment jinghad li l-incident sehh waqt tindif ghall-klijenta ta' *home help* u r-raguni li wasslet ghall-korriment hemm imnizzel "***zlieq***" u l-ghodda li bihom hija kienet qieghda tahdem meta sehh l-accident hemm imnizzel "***ghodda tat-tindif tal-art***". Dan ir-rapport jinsab ukoll iffirmat mhux biss mill-attrici appellata izda wkoll mill-istess anzjana Carmen Micallef li tnizzlet bhala xhud tal-incident. Isegwi li din il-Qorti taqbel perfettament mal-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti dwar id-dinamika ta' kif sehh l-incident u ghalhekk ma ssib xejn x'ticcensura bil-fatt li skartat ix-xhieda ta' terzi, li ma kinux prezenti fil-mument tal-incident.

27. Fir-raba' aggravju taghha, is-socjetà konvenuta appellanti tikkontendi li jezistu dubji serji dwar dak li medikament ikkawza d-dizabilità permanenti tal-appellata. Hija tirreferi ghar-rapport tal-konsulent ortopediku nkarigat mill-attrici, Raymond Gatt, kif ukoll ghax-xhieda tal-perit tekniku Carmel Sciberras li minnhom jirrizulta li l-appellata fieqet kompletament mill-ksur li hija sofriet. Issir referenza ghax-xhieda tal-perit tekniku Carmel Sciberras fejn jinghad minnu li l-attrici appellata kellha zewg interventi, wiehed li kien jinvolvi *plating* tal-frattura fix-xaft tal-*humerus* u l-iehor li kien jinvolvi l-manipulazzjoni tal-gog tal-ispalla. Skont il-perit tekniku, l-ghazla personali tieghu ma kinitx tkun li jsir il-*plating* ghall-ksur li kellha l-attrici, izda huwa kien jaghzel trattament konservattiv li jkollu ezitu pozittiv bhal *sling u U-slab* minghajr l-ebda intervent kirurgiku

u jkun biss jekk it-trattament konservattiv ma jghaqqadx l-ghadam li jiddeciedi li jaghmel intervent kirurgiku. Inoltre, l-espert mediku jispjega li, wasal ghall-konkluzjoni tieghu fuq ezami tad-driegh tal-attrici u tal-moviment tad-driegh li huwa seta' jikkostata mill-istess ezami li wettaq u mhux ghaliex ra xi *ultrasound* jew MRI. Ifisser li ghalkemm l-ghadma fieqet kompletament, id-dizabbilità hija attribwibbli biss ghall-*ankylosis* tal-ispalla li jista' jkun rizultat kemm bhala effett dirett tal-waqgha jew tal-ksur, kif ukoll jista' jkun attribwibbli ghall-intervent kirurgiku nnifsu, li jikkawza l-ebusija tal-ispalla. Hekk ukoll, jinghad mill-istess espert, li huwa qaghad fuq id-dikjarazzjoni tal-pazjenta li hija qatt ma kellha problemi b'spallejha x-xellugija qabel l-incident, peress li huwa qatt ma kien invistaha qabel l-incident. Kwindi s-socjetà konvenuta appellanti ssostni li hemm dubji serji dwar x'kienet il-kawza tal-ebusija u fid-dawl tax-xhieda tal-espert tekniku li l-ebusija setghet kienet, fis-shih jew in parti, kawza tal-intervent kirurgiku, l-ewwel Qorti kellha necessarjament tattribwixxi in parti jew fis-shih, il-kontributorjetà, li kellha tigi riflessa fir-responsabbilità attribwita lilha.

28. Tajjeb li jigi enfasizzat dak li nghad mill-istess espert mediku fis-sens li nghad f'kuntest partikolari u cioè li llum il-gurnata, fid-dinja tal-ortopedija l-hsieb illum huwa li ksur ghandu jigi trattat b'intervent kirurgiku. Issa huwa qal ukoll li ma jaqbilx meta din il-*policy* tintuza b'mod indiskriminat f'kull kaz, jew li kull ksur jehtieg intervent. Jispjega li l-ksur

jikkaguna hsara fis-*soft tissue* li fih jista' jkun hemm *scarring* u li dan l-*iscar tissue* li jkun qieghed jifforma fil-gog, jibda jikkaguna *stiffness.* Mistoqsi minn fejn gej in-nuqqas ta' moviment, l-espert iwiegeb: "***Jiena nahseb li huwa direttament maqbul mal-ksur***" *izda jista' jkun u ma setax jeskludi li l-intervent kirurgiku kien kontribut ghal dik l-ebusija.* Fil-fatt gieli pazjenti tieghu li jkun itrattahom b'mod konservattiv ukoll ibatu mill-ebusija. Importanti huwa l-fatt li l-istess espert jikkonkludi li ghalkemm ma jistax jeskludi li l-operazzjoni nnifisha kkontribwiet ghad-dizabilità, **l-akbar relazzjoni jahseb li kienet l-initial injury.**

29. Minn din ix-xhieda din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fl-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti, in kwantu l-imsemmi espert mediku kien kategoriku meta ddikjara r-rabta bejn il-waqgha u d-dizabilità konsegwenti, u baqa' jtenni din il-fehma minkejja li tqanqlu dubji dwar l-effett tal-intervent kirurgiku fuq l-attrici meta xehed in eskussjoni. Tali fehma tal-perit mediku tikkostitwixxi prova, bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi u mhux semplici opinjoni jew suspett u tibqa' tgawdi dik il-kwalità, sakemm ma tigix ikkontestata permezz ta' prova ohra kuntrarja ghaliha jew inkella b'sottomissjoni serja u tajba bizzejjed li turi li tali fehma hija inattendibbli jew li m'ghandhiex titwemmen. Dik il-prova jew sottomissjoni fil-kaz in ezami ma tirrizultax. Il-provi ma jissejsux fuq suspetti u kongetturi, kif tittanta tohloq is-socjetà konvenuta appellanti. Jigi ribadit il-principju li ghalkemm dawn il-Qrati mhumiex marbuta li

joqoghdu ghall-fehmiet ta' perit mahtur minnhom, kontra l-konvinzjoni taghhom infushom, madankollu ma jistghux u m'ghandhomx iwarrbu facilment il-*giudizzio dell'arte,* sakemm ma jkunx jidher b'mod car li l-fehmiet u konkluzjonijiet tal-perit huma rragonevoli.

30. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-9 ta' Frar, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Benjamin Camilleri *noe* v. Charles Debattista *et noe***:

> *"f'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti nominati minnu*".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ghandu jinghad li ma tressqux provi serji bizzejjed bhala raguni sabiex iwasslu ghall-konkluzjoni ta' kontributorjetà fir-responsabbilità ghad-dizabilità mgarrba mill-attrici kif tippretendi s-socjetà konvenuta appellanti u ghalhekk dan l-aggravju wkoll ser jigi mwarrab peress li ma jimmeritax li jintlaqa'.

31. Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju, dak fejn is-socjetà konvenuta appellanti tikkontendi li l-ewwel Qorti zbaljat meta llikwidat percentwali akbar minn dak mitlub mill-attrici u konsegwentement iddecidiet *ultra petita* t-talbiet attrici. Hija tishaq li filwaqt li l-konsulent ortopediku *ex parte* ddikjara dizabilità permanenti ta' 6%, il-konsulent mediku mahtur mill-

ewwel Qorti ccertifika dizabilità ta' 11%. Din id-diskrepanza ta' 5% ma tistax tigi njorata. Is-socjetà konvenuta appellanti tikkontendi li ma jirrizultawx cirkostanzi li setghu jwasslu ghal zieda fil-percentwal ta' dizabilità, ghall-kuntrarju l-percentwall ta' dizabilità kellu jonqos u mhux jizdied bil-fizjoterapija u bil-fejqan naturali tal-gisem. Fil-kaz in ezami hija l-istess attrici appellata li ressqet prova ta' konsulent ortopediku li tikkontradixxi l-prova tal-konsulent ortopediku nominat mill-Qorti. Il-pretensjonijiet tal-attrici appellata huma bbazati fuq ir-rapport tal-konsulent ortopediku Raymond Gatt, imqabbad minnha, li kien anness mar-rikors mahluf, kwindi kienu limitati ghal dak il-percentwal u ghalhekk kwalunkwe rizarciment li jaghti aktar minn hekk, ghandu jitqies *ultra petita* t-talbiet tal-attrici appellata. Id-diskrepanza hija wahda li ggib dubji serji dwar kif il-percentwali jigu allokati mit-tobba u ma hemm xejn li jiggustifika l-percentwal raggunt minn iehor, izda ssostni li l-percentwal milhuq mill-espert inkarigat *ex parte* huwa aktar verosimili in kwantu aktar vicin id-data tal-incident.

32. Kuntrarjament ghal dak li jinghad mis-socjetà konvenuta appellanti, l-espert mediku mahtur mill-ewwel Qorti, Carmel Sciberras, spjega b'mod car ir-raguni ghala fil-fehma tieghu l-percentwal ta' dizabilità tal-attrici appellata kellu jkun aktar minn dak allokat mill-espert ortopediku nkarigat mill-istess attrici. Ghalkemm l-espert tal-Qorti kien konsapevoli tal-kontenut tar-rapport tal-konsulent *ex parte* Raymond Gatt u tal-

percentwal ta' dizabilità allokata minnu, huwa jispjega li minkejja li ra l-attrici sentejn u nofs wara li kien raha l-espert Gatt, huwa sab li l-ispalla kienet ibbieset aktar u ghalhekk alloka percentwal akbar minn dak ta' Gatt meta nghad minnu hekk:

> "*…minn mindu ra Mr. Gatt fir-rapport tieghu u indunajt jiena l-ispalla ibbieset iktar. Skont il-movimenti tieghi u skont il-movimenti li rrekordja Mr. Gatt ghax jien rajt ir-rapport ta' Mr. Gatt ukoll.*
> *"…*
> *"Iva dakinhar kienet zdiedet imma imbaghad jista' jissetilja il-gisem u jipprova, l-pazjent jipprova jaghmel iktar, fejn naf jien, iktar exercises u tista' tonqos imma jien ma nahsibx li ha tmur ghal kollox.*
> *"…*
> *"Jien hadt in konsiderazzjoni wkoll li jista' jkun li ha tonqsilha wkoll dik. Hadt, il-persentagg hadt in konsiderazzjoni illi jista' jkun hemm xi ftit improvement fil-moviment."*

Tenut kont ta' din l-ispjegazzjoni, din il-Qorti, bhal ta' qabilha ma tara l-ebda raguni l-ghala kellha tigi skartata l-opinjoni tal-espert mediku mahtur minnha. Il-fatt li l-attrici ressqet rapport mediku ta' espert inkarigat minnha bhala prova in sostenn tal-pretensjonijiet taghha, hija ma ntrabtitx mieghu. Tant hu hekk li hija talbet lill-Qorti sabiex issir il-likwidazzjoni ta' danni li hija garrbet. Issa fil-mori tal-proceduri tressqet prova ohra importanti, dik tal-espert mediku nkarigat mill-ewwel Qorti, li rriskontra li l-moviment fl-ispalla tal-attrici mar lura. Din il-Qorti ghalhekk taqbel mal-ewwel Qorti meta qalet li ma tara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex tistrieh fuq ir-rapport tal-imsemmi espert mediku gudizzjarju, in kwantu r-ragunament tal-espert tal-qorti huwa wiehed imsejjes fuq ragunament plawsibbli. L-insenjament citat minn din il-Qorti fil-konsiderazzjoni taghha tar-raba' aggravju, mis-silta tas-sentenza **Camilleri *noe* v. Debattista *et***

***noe*** ghandu japplika f'dan il-kaz ukoll. Kwindi l-fatt li l-ewwel Qorti strahet fuq il-percentwal ta' dizabilità stabbilit mill-espert mediku mahtur minnha f'kawza ta' likwidazzjoni ta' danni, li jinsab debitament gustifikat, ma jistghu qatt jitqiesu *ultra petita* t-talbiet tal-attrici appellata. Isegwi li lanqas dan l-ahhar aggravju ma jisthoqqlu li jintlaqa' u ser jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-Qorti tiddisponi mill-appell tas-socjetà konvenuta appellanti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Gunju, 2020, fl-ismijiet premessi fis-shih.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu kollha mis-socjetà konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm